MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 50/2010

**GO plc – C-22334**

**vs**

**John Charles Hannaford (ID-476682M) u
b'ordni tat-Tribunal ta' nhar it-3 ta' Frar 2010
gie ordnat il-kjamat in kawza ta' Maria Hannaford**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u seba' Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€207.81c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru *21823516* gja *823516*, skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mis-17 ta' Dicembru, 2007 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi kontestwalment ma' din ir-risposta l-esponenti qieghed jipprezenta rikors ghal kjamata in kawza ta' Maria Hannaford mart l-esponenti. Illi l-esponenti u martu Maria Hannaford ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni u hemm kawza pendenti fil-Qorti tal-Familja. Illi l-esponenti ilu li vvaka l-fond 25, Crossbow, Triq il-Geranju, Fgura minn Settembru 2007. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda u dan peress illi l-hlas ta' mitejn u seba' Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€207.81c) mitluba mis-Socjeta' attrici huwa installat fil-fond 25, Crossbow, Triq il-Geranju, Fgura fejn Maria Hannaford ilha tirrisjedi wahedha minn Settembru 2007. Di piu', permezz ta' digriet datat 18 ta' Gunju, 2009 (vide Dok JH anness) il-Qorti tal-Familja kienet ordnat li l-kont tas-Socjeta' Go p.l.c. mertu tal-proceduri odjerni ghandu jithallas minn Maria Hannaford. Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici u l-eventwali kjamata in kawza.

Ra r-rikors tal-konvenut datat 2 ta' Frar, 2010 li permezz tieghu talab illi tigi kjamata in kawza Maria Hannaford, u d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 3 ta' Frar, 2010 li permezz tieghu laqa' t-talba hemm kontenuta.

Ra r-risposta tal-kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet illi l-kjamata in kawza hija estranea ghas-somma reklamata mis-Socjeta' attrici, stante li tali somma tirrisali ghal perjodu meta zewgha kien jabita fid-dar matrimonjali, precedentement ghal proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn il-partijiet. Illi kwalsiasi debitu rimanenti fuq in-numru tat-telefon indikat mis-Socjeta' attrici ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut John Charles Hannaford. Bl-

ispejjez kollha fil-konfront tal-konvenut John Charles Hannaford.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-ammont reklamat mis-Socjeta' attrici huwa relattiv ghas-servizz telefoniku bin-numru *21823516*, liema servizz gie installat fil-fond Crossbow, Triq il-Geranju, Fgura, li rrizulta li huwa l-fond matrimonjali fejn kienu jirrisjedu l-konvenut u l-kjamata in kawza. Illi dan is-servizz gie rregistrat f'isem il-konvenut in forza ta' skrittura datata 9 ta' Jannar, 1989, u filwaqt illi s-servizz gie installat fil-25 ta' Mejju, 1981, dan is-servizz gie sospiz fl-2008.

Illi mir-rendikontipprezentat mis-Socjeta' attrici jidher illi l-hlas ghas-servizz kien qed isir regolarment, izda l-ahhar pagament sar fis-17 ta' Dicembru, 2007 (vide Dok B *a fol.* 3 u Dok. A *a fol.* 54); jidher ukoll illi l-pagamenti kienu qed isiru akkont ta' kwalunkwe ammont li kien ikun dovut, u l-ammont li qed jintalab mis-Socjeta' attrici f'din il-kawza huwa l-bilanc li kien ghadu dovut u li akkumula sa Gunju, 2008.

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut u l-kjamata in kawza m'hix dwar jekk l-ammont hux dovut, izda minn min minnhom.

Illi jidher illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-konvenut u l-kjamata in kawza illi l-istess konvenut ivvaka mill-fond fejn kien hemm irregistrat is-servizz fil-15 ta' Settembru, 2007, u reghhet bdiet tirrisjedi f'dan il-fond il-kjamata in kawza, li da parti taghha xehdet illi kienet ivvakat minn din l-istess dar f'Lulju, 2007; illi ghalhekk hi damet nieqsa mid-dar ghal madwar xahrejn, filwaqt illi l-konvenut ilu nieqes mid-dar minn Settembru, 2007.

Illi in forza ta' digriet datat 18 ta' Gunju, 2009 (*a fol.* 42) moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-atti ta' proceduri gudizzjarji ta' separazzjoni personali li hemm

pendenti bejn il-konvenut u l-kjamata in kawza, din tal-ahhar giet dikjarata unikament responsabbli ghall-hlas tal-kont pendenti mas-Socjeta' attrici, u giet ordnata sabiex thallas tali kont.

Illi ghalkemm dan id-digriet johloq stat bejn il-konvenut u l-kjamata in kawza, in kwantu tali ordni inghatat fl-atti tal-proceduri gudizzjarji li hemm bejniethom, jehtieg li jigi stabbilit jekk dan id-digriet johloqx ukoll stat fir-rigward tas-Socjeta' attrici, bil-konsegwenza illi l-konvenut jigi mehlus mill-obbligu li jwettaq hu tali hlas, filwaqt illi l-kjamata in kawza tigi dikjarata unikament responsabbli ghal tali hlas.

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet giet xjolta, u ghalhekk jidher illi din ghadha fis-sehh; li ma jirrizultax mill-atti processwali huwa jekk is-servizz li gie rregistrat f'isem il-konvenut fl-1989 giex irregistrat wara z-zwieg bejn il-konvenut u l-kjamata in kawza, jew qabel ma dawn inghaqdu fiz-zwieg.  Madanakollu, huwa evidenti illi d-debitu mertu ta' din il-kawza huwa relattiv ghall-perjodu meta l-partijiet kienu mizzewgin, kif jidher li ghadhom sal-lum, ghalkemm *de facto* separati.  Illi ghalhekk, u gialadarba tali komunjoni tal-akkisti ghadha *in vigore*, jsegwi ukoll illi tali debitu huwa tal-komunjoni, u ghalhekk huma z-zewg partijiet (ossia l-konvenut u l-kjamata in kawza) flimkien li huma responsabbli ghall-hlas ta' dan id-debitu lis-Socjeta' attrici *qua* kreditrici, minghajr hsara ghall-possibilita' illi parti tigi ndennizzata u tottjeni refuzjoni minghand il-parti l-ohra a tenur tad-digriet moghti fil-proceduri ta' separazzjoni personali pendenti bejniethom.

Illi jsegwi ghalhekk illi ghall-finijiet ta' din il-kawza, il-konvenut u l-kjamata in kawza ghandhom jigu ritenuti responsabbli, flimkien u solidalment bejniethom, ghall-hlas tas-somma mitluba mis-Socjeta' attrici.

Illi ghalkemm inghata d-digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), hawn fuq imsemmi relattiv ghad-debitu pendenti mas-Socjeta' attrici, **qabel** ma giet intavolata l-azzjoni odjerna – in kwantu d-digriet inghata fit-18 ta'

Gunju, 2009 u l-azzjoni odjerna giet pprezentata fl-20 ta' Jannar, 2010 – mill-atti processwali ma jirrizultax illi tali digriet ingib a konjizzjoni tas-Socjeta' attrici minn xi hadd mill-partijiet. Illi dan huwa rilevanti ghal dak li jirrigwarda l-mod kif giet postulata l-azzjoni odjerna, u aktar specifikament f'dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez ta' din l-azzjoni, in kwantu giet proposta biss fil-konfront tal-konvenut u mhux ukoll fil-konfront ta' martu, li sussegwentement giet kjamata in kawza. Illi galadarba s-servizz li tipprovdi s-Socjeta' attrici kien irregistrat f'isem il-konvenut, allura r-relazzjoni guridika tal-istess Socjeta' attrici kienet biss mal-konvenut; illi madanakollu, u li kieku l-kjamata in kawza hallset l-ammont li kien dovut, kif giet ordnata li tghamel mill-Onorabbli Qorti Civili (Serzzjoni tal-Familja), allura ma kienx ikun hemm il-htiega li ssir il-kawza odjerna. Illi dan il-fatt qed jittiehed in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u ppruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u l-kjamata in kawza, jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata in kawza solidalment bejniethom, jhallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u seba' Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€207.81c) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

L-ispejjez ta' din il-kawza, kemm dawk tas-Socjeta' attrici kif ukoll tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-kjamata in kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------